MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 681/2007/1

**Dennis Mckay**

**vs**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti irid jinibixxi l-Awtorita` tat-Trasport milli tehodlu lura *"t-tag"* li biha huwa awtorizzat jahdem bhala taxi driver.

Ikkunsidrat li l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikors prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"*.

Ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu ghall-hrug tal-imsemmi mandat fuq ftehim li sar bejnu u bejn l-Awtorita` datat 13 ta` April, 2007 li biha l-Awtorita` taghti lura *"t-tag"* fuq bazi strettament ta` prova ghal perjodu ta` sitt xhur minn dik id-data. Dan il-ftehim (Dok. DM2) kien iffirmat, ghall-Awtorita` minn Emanuel Gatt, li ghandu l-kariga ta` Aching Enforcement/Operations Manager.

Ftit jiem wara dan il-ftehim, l-Awtorita` talbet lura l-istess tag peress li skond l-istess Awtorita` il-ftehim kien sar *"Bi zvista"* (Dok. DM3). L-Awtorita`, f`dan l-istess dokument, irriferiet ghall-Avizz Legali 65.11 regolament 131.

Il-Qorti ikkunsidrat illi huwa minnu li l-Awtorita`, permezz tar-regolament citati, ghandha jedd tissospendi tag ta` sewwieq meta jkun hemm akkuzi kriminali. Huwa minnu ukoll pero` li, meta l-Awtorita` ghamlet il-ftehim mar-rikorrent odjern kienet diga` taf li hemm proceduri kriminali pendenti. Fil-fatt, it-tag inghatat lilu bi prova. Bejn id-data tal-ftehim u d-data ta` meta t-tag giet mitluba lura ma sehh ebda fatt gdid.

Il-possibilita` ta` *"zball amministrattiv"* li rrefera ghalih l-abbli difensur tal-Awtorita` hija materja li m`ghandhiex tidhol fiha il-Qorti illum meta li ghandha quddiemha huwa l-ftehim bejn il-partijiet. Huwa precizament ghalhekk ukoll

illi l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-awtorita` intimata li, jekk ligi milqugh il-mandat ta` inibizzjoni dan ser ixejjen ir-regolamenti ezistenti. Semmai, kien il-ftehim li dahlet fih l-Awtorita` fit-13 ta` April, 2007 li seta` gab fix-xejn l-effett tal-istess regolamenti.

F`dawn ic-cirkostanzi il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li *prima facie* huwa ghandu dritt kif tirrikjedi l-ligi fl-artikoli fuq citati.

Ghar-rigward tal-pregudizzju li tirrikjedi l-ligi biex jinhareg mandat ta` inibizzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li dan jissussisti peress illi jekk ir-rikorrent ikun sprovvist minn tag tal-Awtorita`, dan ma jkunx jista` jahdem u, ghalhekk il-pregudizzju ghalih ikun immedjat u reali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------